# Opri Għall-Festa ta' San Ġorġ bejn l-1884 u l-1895

Lejn tmiem is-seklu li għadda, is-seklu dsatax, saru diversi opri artistiċi li kellhom u għad għandhom x'jaqsmu sew maċ-ċelebrazzjoni tal-festa titulari ta' San Ġorġ. Ma jistax ikun li fi ftit spazju nelenkaw kull ma sar iżda tajjeb li nagħtu ħarsa ħafifa lejn uħud minnhom li lkoll issemmew f'rapporti ta' ġurnali lokali ta' dak iż-żmien.*

### L-Anġlu tal-Blandun – 1884

Xogħol mill-isbaħ fil-kartapesta li kien maħsub li sar għall-ħabta tal-1890.[1] Illum nafu li żżanżan għall-festa ta' San Ħorħ 102 sena ilu u li l-ħsieb li jsir oriġinat mill-moħħ fertili tal-bravu mastrudaxxa qormi Ġorġ Cachia, magħraf bħala **Botna**, li ħadem bosta opri fl-injam għall-knisja ta' San Ġorġ. Ta' min igħid li mhux l-anġlu biss kien ġdid iżda l-kunċett u l-ħsieb ukoll kienu oriġinali għal kollox.[2] Jingħad li l-istatwarju Karlu Darmanin uża wiċċ martu stess bħala mudell għall-wiċċ mill-isbaħ ta' dan l-anġlu.



### Diversi Opri – 1893

Rapport f'ġurnal lokali jgħidilna li f'din is-sena saru "żewġ missalli tal-bellus miksijin b'ornamenti tal-fidda, gwarniċ tal-fidda għall-artal, erbgħatax-il fjurett tal-ġanutil għall-Via Sagra, sopraporta u purtiera tal-ħarir magħmulin minn flus ir-Rev. Dun Ġużepp Mifsud D.D., ventartal tal-fidda għall-kumpanija tas-SS. Ružarju. . ."[3] Ta' min igħid li Dun Ġużepp kien il-prokuratur tal-knisja u miet ta' 72 sena fil-5 ta' Frar, 1903 fil-waqt li s-sopraporta saret fuq disinn tal-Prof. Nikola Żammit. Id-disinn tal-ventartal tar-Ružarju kien ta' Abram Gatt li ħażżu fl-1892.[4]



### L-Istatwi tal-Ġenituri ta' San Ġorġ – 1894

Ittra f'gazzetta lokali tgħidilna li f'Diċembru tal-1893, l-istatwarju Vincenzo Cremona kien qiegħed jaħdem dawn iż-żewġ statwi għal Ħal Qormi.[5] Dawn iżżanżnu fl-1894. Dari kienu jintramaw f'tarf iz-zuntier iżda llum narawhom armati ma ġenb il-bieb prinċipali tal-knisja parrokkjali. Huwa



tassew xieraq li jintramaw statwi tal-ġenituri ta' San Ġorġ għax, bħal ma kiteb Mgr Dante Balboni li rajnieh fostna f'Ħal Qormi sentejn ilu, it-twelid ta' San Ġorġ "ġab ferħ lill-ġenituri Ġerunzio Persjan u Policronia mill-Kappadoċja li edukawh reliġjożament sakemm daħal fis-servizz militari.[6]

**L-Irranġar Tal-Vara Titulari – 1895**

Dejjem kien maħsub li l-vara ta' San Ġorġ kienet intmisset u ġiet irranġata fl-1896.[7] Ta' min jippreċiża, iżda, li x-xogħol fil-fatt sar sena qabel, jiġifieri fl-1895 u l-vara, kif inhi issa, ħarġet għall-ewwel darba fil-purċissjoni ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' April għax il-festa, dak iż-żmien issir nhar San Ġorġ propja.

Għall-ewwel kien hemm il-ħsieb li jibdlu l-vara u saħansitra nġieb buzzett ta' statwa ta' San Ġorġ mill-esteru. Iżda jidher li, minħabba d-devozzjoni li kienet tgawdi l-vara, ttieħdet deċiżjoni li ma jsir xejn ġdid iżda tiġi modifikata l-vara eżistenti. Għal dan il-għan saru bradella u bankun ġodda tal-kawba, jiġifieri dak li aħna nsejħulha l-bradella l-qadima kellha eżattament 90 sena meta nbiddlet ma l-opra majestuża li żżanżnet is-sena li għaddiet (1985). L-ispiża tal-1895 leħqet is-somma ta' madwar 120 lira, somma kbira mhux ħażin għal dak iż-żmien, iżda li kienet tkopri l-ispejjeż kollha jiġifieri tal-bankun u l-bradella u x-xogħol tal-iskultura, pittura u nduratura tal-vara. Il-ġbir sar mill-kappillan Dan Manwel Pace u l-prokuratur tal-Knisja Dun Ġużepp Mifsud li ħarġu jiġbru s-somma meħtieġa u rnexxielhom jagħmlu dan fi żmien ġimgħa.

Ix-xogħol ta' skultura sar minn Pawlu Bugeja, iż-żebgħa minn Ġużeppi Calì u l-induratura mis-sur Gauci ta' Triq San Pawl, il-belt Valletta. Id-direzzjoni tax-xogħol kienet tħalliet f'idejn Calì stess. Il-vara modifikata waslet lura ħal Qormi nhar is-Sibt, 13 ta' April, 1895.[8]

**Joseph F. Grima B.A.(Hons.), M.A.**

**Noti:**

- Ħajr lil ħabibi Vincent Peresso għal diversi referenzi li ġentilment għaddieli.

1. C. Psaila, **Il-Knisja Arċimatriċi ta' Ħal Qormi bil-Ġrajja Tagħha**, Malta 1937, pp. 59 u 103; J.F. Grima (Editur), **Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi – Erba' Sekli ta' Storja**, Malta 1984, p. 104.
2. **Malta**, 29.iv.1884.
3. **Malta Tagħna**, 6.v.1893.
4. J.F Grima, **op. cit.**, pp. 89, 90 u 151.
5. **Il-Ħabbar**, 13.12.1894, ittra ffirmata **G.M.**
6. Ara (Mons.) D. Balboni fil-**Biblioteca Sactorum**, Vol. VI, p. 513 kif inhu kkwotat minn (Rev. Kan.) N. Vella Apap, **San Ġorġ Megalomartri**, cyclostyled 1981, p. 15.
7. C. Psaila, **op. cit.**, p. 112; J.F. Grima, **op. cit.**, p. 85.
8. **Il-Ħabbar**, 20.iv.1895.

**Photo Captions:**

1. L-Anġlu tal-Blandun, xogħol ta' Karlu Darmanin tal-1884.
2. Ġerunżio Persjan, missier San Ġorġ – xogħol tas-sena 1894 ta' Vincenzo Cremona.
3. Il-Ventartal tar-Rużarju – fuq disinn ta' Abram Gatt.

Ritratti b'kortesija ta' Frendo Photographics, Qormi